MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 426/2010

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**Elvin Ciantar (K.I. Nru. 406079 (M))**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Bank of Valletta p.l.c. datat 28 ta' April 2010 fejn Joseph Borg Cardona (I.D. nru. 522552(M)) ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess socjeta' attrici jikkonferma bil-gurament:-

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fl-iskrittjira privata datata 12 ta' Awwissu 2006 (Dok 'A') is-socjeta' attrici ikkoncediet facilita' bankarja lil Elvin Ciaritar.

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Elvin Ciantar fis-somma ta' tnax-il elf, seba' mija u sebgha u sittin ewro u hames centezmi (€12,767.05) bilanc ghad-debitu fil-*"Loan Account"* ta' Elvin Ciantar mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B 1" sa "B 2") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-13 ta' Marzu 2010 sad-data tal-effettiv pagament.

Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq imsemmija (ezibita bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Elvin Ciantar;

a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura,

b) kien inadempjenti f' obbligi ohra minnu assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew,

c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Elvin Ciantar li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

Illi l-attur *nomine* jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Illi l-konvenut Elvin Ciantar gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 10 ta' Marzu 2009, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dok "C", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tilqa' it-talbiet tas-socjeta' attrici li qieghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq imsemmija (hawn ezibita bhala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Elvin Ciantar (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minni assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew, (c)

hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Elvin Ciantar li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

*2.* Tikkundanna lil Elvin Ciantar jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tnax-il elf, seba' mija u sebgha u sittin ewro u hames centezmi (€12,767.05) bilanc ghad-debitu fil-*"Loan Account"* ta' Elvin Ciantar mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B 1" sa "B 2") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-13 ta' Marzu 2010 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 10 ta' Marzu 2009 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta` rikorrenti.

Rat illi r-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-intimat li naqas milli jipprezenta risposta u hekk baqa` kontumaci.

Semghet ix-xhieda tas-socjeta` rikorrenti.

Semghet l-Avukat tas-socjeta` rikorrenti.

Ezaminat l-atti tar-rikors.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw pruvati.

Fil-kontumacja tal-intimat tiddeciedi billi **tilqa' t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti** kif dedotti fir-rikors guramentat.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------